MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 1166/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Albert Sacco a.k.a. Brtu, ta' 50 sena, bin Joseph u Mananni Aquilina, imwieled nhar it-23 ta' Jannar 1958 f'Tal-Pieta', detentur ta' karta tal-identita bin-numru 992258(M) u joqghod 32, Triq il-Familja Cumbo, Mosta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert Sacco a.k.a. Bertu talli fid-9 ta' Ottubru 2008 u fil-jiem u xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jisksru l-istess disposizzjoi tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala persuna li kellu hsieb li jhaffer borehole jew li jwettaq xi forma ta' xoghol ta' thaffir f'zona ta'

saturazzjoni , naqas li jipprezenta applikazzjoni bil-miktub lill-Awotorita. (A.L. 254 ta’ l-2008 Reg. 5)

Akkuzat talli fid-9 ta’ Ottubru 2008 u fil-jien u xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer b’iversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jisru l-ist ess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala utent ta’ sors tal-ilma ta’ taht l-art naqas milli jinnotifika lill-Awtorita fiz-zmien stabbilit mill-ligi, jew ipprezenta informazzjoni zbaljata, mhux kompluta jew falza fil-formola tan-notifika. (A.L. 255 ta’ l-2008 Reg. 8).

Talli wkoll nhar id-9 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tal-10.30pm f’ghalqa li tinsab f’Halbet il-Warda limit ital-Mosta wahdu jew flimkien ma ohrajn haffer borehole jew ghamel xi xoghol ta’ thaffir fiz-zona ta’ saturazjjoni, minghajr permess mahrug mill-Awtorita’ skond dawn ir-regolarmenti (A.L. ta’ 2008 Reg. 15).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmulha mill-imputatat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat qieghed jipprova jottempra ruhu mal-ligi u ghanu applikazzjoni pendenti mal-Malta Resources Authority (ara verbal fol. 13.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Reg. 5. Reg 8 u Reg 15 tal-A.L. 254 tal-2008 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-luim.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------